MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru. 945/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**Anthony Spiteri**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Anthony Spiteri ta' 52 sena, imwieled Birkirkara fit-13 ta' Lulju 1957 iben Anthony u Concetta nee' Borg u residenti Turris Placidus, Triq Hal-Gharghur, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 489257(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-7 ta' Awwissu, 2006 ghal habta tat-8.30a.m. fi Triq Depiro, Sliema fil-kapacita' tieghu ta' direttur tal-

kumpanija Tal-Herba Construction Limited, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga gravi Paul Aquilina u dan ai termini tal-Art. 225 u 226 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1) u (2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqas li jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-isgurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji irrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

4. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem hames haddiema jew aktar, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizgura li jkunu aggornati regolament u dan ai termini ta' l-artikolu 10(2) ta' A.L. 36/03.

5. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li kien qieghed iwettaq xoghol naqas li jizgura li s-sit ta' kostruzzjoni jinzamm tajjeb u fi stat ta' ndafa sodisfacenti u dan ai termini ta' l-artikolu 7 (a) ta' l-A.L. 281/2004.

6. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas milli jipprovdi u jizgura li jkun hemm, taht

il-kontroll tieghu, fil-hinijiet kollha, sinjali ta' sahha u/jew ta' sigurta kif imiss u xierqa u f'dawk il-kazijiet kollha fejn il-perikolu ma jistax jigi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet ghall-harsien kollettiv, jew b'mizuri, metodi jew proceduri li jintuzaw fl-organizzazzjoni tax-xoghol, jew fejn ir-riskji li jirrizultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jigu mnaqqsa adegwatament hlief permezz ta' twahhil ta' sinjali xierqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 4(1) ta' A.L. 45 ta' l-2002.

7. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem meta s-sahha jew is-sigurta tal-haddiema tkun hekk tehtieg u wara li tqis it-tip ta' attivita' u l-ghadd ta' haddiema li jkunu prezenti f'kull waqt, naqas milli jipprovdi u jzomm imkejjen xierqa u bizzejjed fejn wiehed jista' jistrieh u li jkun facilment accessibbli ghall haddiema kollha u dan bi ksur tal-artikoli 24(1) (a) (b) (c) (d) (e) ta' l-A.L. 44 ta' l-2002.

8. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas milli jipprovdi facilitajiet xierqa biex il-haddiema jistghu jbiddlu, liema facilitajiet ghadhom ikunu ta' daqs bizzejjed, u f' postijiet li jkunu accessibbli facilment ghall-haddiema, jekk dawn ikollhom jilbsu hwejjeg tax-xoghol specjali, u fejn minhabba ragunijiet ta' sahha jew dicenza wiehed ma jistennihomx li jbiddlu f'xi karma ohra, fosthom biex jinzammu l-hwejjeg ta' haddiema li ma jintlibsux waqt il-hinijiet tax-xoghol, li jinzammu l-hwejjeg specjali tax-xoghol, liema hwejjeg ma jittiehdux id-dar, li jkollhom siggijiet u kaxxarizzi li jippermettu li haddiema li jkunu jistaw jsakkru hwejjeg waqt il-hinijiet tax-xoghol u li jigu provduti mkejjen separati ghal hwejjeg ta' haddiema li jkunu jahdmu f' xoghlijiet li jistghu jwasslu biex hwejjighom ikunu kontaminati, imdensa hafna, mtebba jew imcappsin sew u biex ikunu jistghu jippermettu li l-haddiema tax-xoghol separati mill-hwejjeg normali, u dan bi ksur ta' l-artikoli 25(1) (a) (b) 2(a) (b) ta' A.L. 44 ta' l-2002.

9. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas milli jipprovdi apparat sanitarju xieraq, u bizzejjed, li jkun f' postijiet accessibbli facilment, liema

apparat jitqies li jkunu xierqa u l-apparat u l-kmamar li jkun fihom dak l-apparat ikun mizmuma kif imiss, u nodfa, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 27 (1) (a) tal-A.L. 44 ta’ l-2002.

10. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem, naqas li jiehu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi ikunu fizikament evitati partikolarment permezz ta’ bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom ta’ l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll li jizgura li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b’apparat specjali jew bl-uzu ta’ l-apparat ta’ protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta’. Fejn l-uzu ta’ tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu pprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti ta’ l-access u arnessi ta’ sigurta’ jew metodi ta’ ankragg ohra ta’ sigurta’. Naqas ukoll li jizgura li poggamani ta’ protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta’ Reg 5 ta’ l-Iskeda IV (parti B) ta’ l-A.L. 281/2004.

11. Fl-ahhar nett akkuzat ukoll talli sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D., nhar it-30 ta’ Gunju 2005 liema sentenza hija definitiva u dan ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Novembru 2010 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-7 ta’ Jannar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li l-parti leza rrinunzja ghall-akkuzi kriminali u gie rimborsat ma' l-imputat ghad-danni minnu sofferti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 6 (1) (2) tal-Kap. 424 kif ukoll l-Artikoli 10(1), 10(2) tal-Avviz Legali 36/03, 7 (a) tal-Avviz Legali 281/2004, 4(1) tal-Avviz Legali 45/2002, 24(1) (a)(b)(c)(d)(e) tal-Avviz Legali 44/2002, 25(1)(a)(b), 2(a)(b) tal-Avviz Legali 44/2002, 27(1)(a) tal-Avviz Legali 44/2002, r-Regolament 5 tal-Iskeda IV parti B tal-Avviz Legali 281/2004 u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah multa komplessiva ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500).

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat liema akkuza giet irtirata mill-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------